



## Ġabra tal-ġurisprudenza

SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tielet Awla)

14 ta' Novembru 2018\*

“Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Restrizzjonijiet għal-libertà ta' stabbiliment – Ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja – Ammissibbiltà tat-talba għal deċiżjoni preliminari – Sitwazzjoni purament interna – Leġislazzjoni nazzjonali li tipprojbixxi kull attività lukrattiva relatata maż-żamma ta' urni funebri – Eżami tal-proporzjonalità – Koerenza tal-leġislazzjoni nazzjonali”

Fil-Kawża C-342/17,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mit-Tribunale amministrativo regionale per il Veneto (il-Qorti Amministrattiva Reġjonali tal-Veneto, l-Italja), permezz ta' deċiżjoni tal-11 ta' Mejju 2017, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fit-8 ta' Ġunju 2017, fil-proċedura

**Memoria Srl,**

**Antonia Dall'Antonia**

vs

**Comune di Padova,**

fil-preżenza ta':

**Alessandra Calore,**

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tielet Awla),

komposta minn M. Vilaras, President tar-Raba' Awla, li qiegħed jaġixxi bħala President tat-Tielet Awla, J. Malenovský (Relatur), L. Bay Larsen, M. Safjan u D. Šváby, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: M. Campos Sánchez-Bordona,

Reġistratur: R. Schiano, Amministratur,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tas-16 ta' April 2018,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

- għal Memoria Srl u A. Dall'Antonia, minn G. Martini, A. Sitzia u P. Piva, avvocati,
- għall-Comune di Padova, minn M. Lotto, V. Mizzoni, A. Sartori u P. Bernardi, avvocati,

\* Lingwa tal-kawża: it-Taljan.

- għall-Gvern Taljan, minn G. Palmieri, bħala aġent, assistita minn E. De Bonis, avvocato dello Stato,
  - għall-Kummissjoni Ewropea, minn H. Tserepa-Lacombe u L. Malferrari, bħala aġenti,
- wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tal-21 ta' Ġunju 2018, tagħti l-preżenti

### Sentenza

- 1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikoli 49 u 56 TFUE.
- 2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' kawża bejn, minn naħa, Memoria Srl u Antonia Dall'Antonia u, min-naħa l-oħra, il-Comune di Padova (il-muniċipalità ta' Padova, l-Italja) dwar leġislazzjoni, adottata minn din tal-aħħar, li għandha bħala effett li tipprojbixxi lid-depożitarji ta' urna funebri milli jitolbu lil impriża privata żżomm tali urna funebri taħt ħlas.

### Il-kuntest ġuridiku

#### *Id-dritt tal-Unjoni*

- 3 Il-premessa 8 tad-Direttiva 2006/123/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 dwar is-servizzi fis-suq intern (ĠU 2006, L 376, p. 36), tipprevedi:

“(8) Huwa xieraq li d-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva dwar il-libertà ta' stabbiliment u l-moviment liberu tas-servizzi għandu japplika biss sakemm l-attivitajiet trattati huma miftuħa għal kompetizzjoni, sabiex dawn ma jobbligawx lill-Istati Membri jew biex jilliberalizzaw servizzi ta' interess ġenerali ekonomiku jew biex jipprivatizzaw entitajiet pubbliċi li jipprovdu tali servizzi jew li jabolixxu monopolji eżistenti għal attivitajiet oħra jew ċerti servizzi ta' distribuzzjoni.”

- 4 Skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 1(3) tad-Direttiva 2006/123:

“Din id-Direttiva ma tkoprix l-abolizzjoni ta' monopolji li jipprovdu servizzi lanqas l-għajnuniet mogħtija mill-Istati Membri li huma koperti mir-regoli Komunitarji dwar il-kompetizzjoni.”

#### *Id-dritt Taljan*

##### *Il-Liġi Nru 234, tal-24 ta' Diċembru 2012*

- 5 L-Artikolu 53 tal-legge n. 234 - Norme ġenerali sulla partecipazione dell'Italia alla formazione e all'attuazione della normativa e delle politiche dell'Unione europea (il-Liġi Nru 234 li tistabbilixxi regoli ġenerali dwar il-parteċipazzjoni tar-Repubblika Taljana fil-formazzjoni u fl-implimentazzjoni tal-leġislazzjoni u tal-politiki tal-Unjoni Ewropea), tal-24 ta' Diċembru 2012 (GURI Nru 3, tal-4 ta' Jannar 2013), jipprovdi:

“Ir-regoli tal-ordinament ġuridiku Taljan li jipproduċu effetti diskriminatorji fir-rigward tal-kundizzjonijiet u tat-trattament iggarantiti fl-ordinament ġuridiku Taljan liċ-ċittadini tal-Unjoni ma humiex applikabbli fir-rigward taċ-ċittadini Taljani.”

*Il-Liġi Nru 130, tat-30 ta' Marzu 2001*

- 6 L-Artikolu 3 tal-legge n. 130 - Disposizioni in materia di cremazione e dispersione delle ceneri (il-Liġi Nru 130 dwar il-Kremazzjoni u t-Tixrid tal-Irmied), tat-30 ta' Marzu 2001 (GURI Nru 91, tad-19 ta' April 2001), jipprovdi:

“1. Fis-sitt xhur wara l-promulgazzjoni ta' din il-liġi, [id-decreto del Presidente della Repubblica n. 285 approvazione del regolamento di polizia mortuaria (id-Digriet tal-President tar-Repubblika Nru 285 li Japprova r-Regolament Dwar il-Pulizija Mortwarja) tal-10 ta' Settembru 1990 (GURI Nru 239, tat-12 ta' Ottubru 1990)], jista' jiġi emendat b'regolament adottat skont l-Artikolu 17(1), tal-Liġi Nru 400, tat-23 ta' Awwissu 1998, emendata, fuq proposta tal-Ministeru għas-Saħħa, wara li ġew mismugħa l-Ministeri għall-Intern u għall-Ġustizzja, u wara li tkun inkisbet l-opinjoni tal-kumitati parlamentari kompetenti, fuq il-bażi tal-prinċipji li ġejjin:

[...]

- b) l-awtorizzazzjoni sabiex issir il-kremazzjoni għandha tingħata skont ir-rieda tal-mejjet espressa matul haġtu jew murija minn membru tal-familja tiegħu skont il-modalitajiet li ġejjin:

[...]

- c) it-tixrid tal-irmied, skont ir-rieda tal-mejjet, ma huwiex permess ħliet f'settur ta' ċimiterju rriżervat għal dan il-għan, fin-natura jew fuq art privata; it-tixrid fuq art privata għandu jsir fl-apert bil-permess tas-sid u ma jistax jagħti lok għal remunerazzjoni; fi kwalunkwe każ, it-tixrid tal-irmied huwa pprojbit f'żoni abitati [...]; it-tixrid fil-baħar, fl-ilmijiet tal-lagi u fil-korsijiet tal-ilma huwa permess fiż-żoni mingħajr dgħajjes u mingħajr kostruzzjonijiet;

- d) it-tixrid tal-irmied għandu jsir mill-konjuġi jew minn membru ieħor tal-familja awtorizzat, mill-eżekutor testamentarju jew mir-rappreżentant legali tal-assoċjazzjoni rregolata fil-punt 2(b) preċedenti li l-mejjet kien parti minnha, u, fin-nuqqas ta' dan, minn persuna awtorizzata għal dan il-għan mill-muniċipalitá;

[...]

- f) it-trasport tal-urna bl-irmied ma huwiex suġġett għall-miżuri sanitarji preventivi previsti għat-trasport tal-katavri, sakemm ma jkunx indikat mod ieħor mill-awtoritajiet tas-saħħa;

[...]

- i) kamra ta' stennija fil-krematorju għandha tkun tista' tippermetti t-twettiq tar-riti funebri u l-għoti tal-aħħar għeħ lill-mejjet b'mod dinjituż.

[...]”

- 7 Skont l-Artikolu 5(2) ta' din il-liġi:

“Permezz ta' digriet tal-Ministeru għall-Intern, b'konsultazzjoni mal-Ministru għas-Saħħa, u wara li jkunu nstemgħu l-Associazione nazionale dei comuni italiani (ANCI) (l-Assoċjazzjoni Nazzjonali tal-Muniċipalitajiet Taljani), il-Confederazione nazionale dei servizi (Confservizi) (il-Konfederazzjoni Nazzjonali tas-Servizzi) kif ukoll l-assoċjazzjonijiet l-iktar rappreżentattivi li, fost l-oġettivi tagħhom, għandhom il-kwistjonijiet ta' kremazzjoni, għandhom jiġu stabbiliti fi żmien sitt xhur mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din il-liġi, it-tariffi applikabbli għall-kremazzjoni tal-katavri, kif ukoll għaż-żamma u għat-tixrid tal-irmied fil-postijiet adatti ġewwa ċ-ċimiterji.”

*Id-Digriet tal-President tar-Repubblika Nru 285, tal-10 ta' Settembru 1990*

- 8 Skont l-Artikolu 92(4) tad-Digriet tal-President tar-Repubblika Nru 285, tal-10 ta' Settembru 1990:

“Ħadd ma jista' jagħti rqajja' art għal oqbra privati lil persuni fiżiċi jew ġuridiċi li għandhom l-intenzjoni jagħmlu profitt jew negozju bihom.”

*Il-Liġi Reġjonali Nru 18, tal-4 ta' Marzu 2010*

- 9 Il-legge regionale n. 18 - Norme in materia funeraria, della Regione del Veneto (il-Liġi Reġjonali Nru 18 fil-Qasam Funebri, tar-Reġjun tal-Veneto), tal-4 ta' Marzu 2010, fdat lill-muniċipalitajiet il-kompitu li jstabbilixxu r-rekwiżiti dwar iż-żamma u l-karatteristiċi tal-urni funebri.

*Ir-Regolament dwar is-Servizzi Funebri tal-muniċipalit  ta' Padova*

- 10 L-Artikolu 52 tar-Regolament dwar is-Servizzi Funebri tal-muniċipalit  ta' Padova, kif emendat bid-Deċiżjoni tal-muniċipalit  ta' Padova Nru 84, tat-30 ta' Novembru 2015, jipprovdi:

“1. Iż-żamma tal-urna funebri sabiex tiġi kkonservata f'dar għandha tingħata b'osservanza għad-dispożizzjonijiet bil-miktub magħmulin mill-mejjet matul ħajtu. Fin-nuqqas ta' dawn id-dispożizzjonijiet bil-miktub, iż-żamma tista' tintalab mill-konjuġi jew, fin-nuqqas ta' dan, mill-qarib l-iktar viċin stabbilit skont l-Artikoli 74, 75, 76 u 77 tal-Kodiċi Ċivili u, jekk ikun hemm diversi, mill-maġġoranza assoluta tagħhom.

2. Fil-każ ta' rabtiet affettivi jew ta' rikonoxximent ipprovat, iż-żamma tal-urna tista' wkoll tiġi fdata lil persuni oħra għajr dawk imsemmija fit-tieni sentenza tal-paragrafu preċedenti, bla ħsara għall-kunsens minn qabel bil-miktub tal-aventi kawża.

3. Id-depożitarju tal-urna funebri bl-ebda mod ma jista' jitlob lil terzi jżommuha. Tali projbizzjoni tgħodd ukoll fil-każ ta' rieda espressa manifestata mill-mejjet matul ħajtu.

4. Id-depożitarju tal-urna għandu jżommha f'daru, f'post protett kontra profanazzjonijiet jew serq possibbli. Ma jistgħux isiru fetħiet jew toqob fl-urna għal kwalunkwe raġuni.

5. Is-servizzi funebri jistgħu jeħtieġu fi kwalunkwe ħin li tiġi ppreżentata l-urna funebri mid-depożitarju, sabiex tiġi vverifikata l-integrit  u l-istat ta' żamma tagħha.

[...]

9. Fi kwalunkwe ħin jista' jiġi mitlub li l-urna ddepożitata titqiegħed f'ċimiterju.

10. Minbarra r-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafu 4, iż-żamma tal-urni funebri fl-ebda każ ma tista' tiġi eżerċitata bi skop ta' lukru. Konsegwentement, ma humiex awtorizzati attivitajiet ekonomiċi li l-għan tagħhom, anki jekk ma jkunx esklużiv, ikun iż-żamma ta' urni funebri bi kwalunkwe titolu u għal kwalunkwe żmien. Tali projbizzjoni tgħodd ukoll fil-każ ta' rieda espressa manifestata mill-mejjet matul ħajtu.”

**Il-kawża prinċipali u d-domanda preliminari**

- 11 Memoria hija kumpannija mwaqqfa fl-1 ta' Diċembru 2014, li l-attività tagħha tikkonsisti f'li toffri lill-familji tal-mejtin inċinerati servizz ta' żamma tal-urni funebri tagħhom abbażi ta' kuntratti ta' trasferiment ta' spazji għaż-żamma ta' dawn l-urni f'postijiet irriżervati għaż-żamma tagħhom. Dan

is-servizz huwa ppreżentat bħala li huwa intiż li jippermetti lill-familji jevitaw li jkollhom iżommu tali urni fi djarhom, filwaqt li joffrilhom aċċess għall-postijiet li fihom jinżammu dawn l-urni iktar faċli milli fil-każ ta' ċimiterju. Il-postijiet li fihom jinżammu dawn l-urni huma ppreżentati bħala spazji esklużivament intiżi sabiex jinżammu tali urni, f'ambjent estetikament pjaċevoli, kalm, protett u adattat għall-meditazzjoni u għat-talb fil-memorja tal-mejtin.

- 12 Mix-xahar ta' Settembru 2015, Memoria inawgurata postijiet maħsuba biss għaż-żamma ta' urni funebri, li hija ssejjaħ "postijiet ta' tfakkir", li jinsabu f'kwartieri differenti tal-muniċipalità ta' Padova. L-aċċess tal-membri tal-familja tal-mejjet għal dawn il-postijiet huwa suġġett għall-aċċettazzjoni ta' kodiċi intern ta' kondotta, li jimponi, b'mod partikolari, l-osservanza ta' regoli ta' edukazzjoni tajba, ta' manjieri tajbin u ta' dinjità, il-projbizzjoni ta' konsum ta' xorb alkoħoliku u l-obbligu li jintlibes ilbies xieraq.
- 13 A. Dall'Antonia hija klijenta potenzjali ta' Memoria, peress li hija kienet qiegħda tippjana li tincinera l-ġisem tar-raġel tagħha u li tiegħu l-irmied tiegħu f'wieħed minn dawn il-postijiet.
- 14 Madankollu, il-muniċipalità ta' Padova adottat id-Deċiżjoni Nru 84, tat-30 ta' Novembru 2015, li emendat ir-Regolament dwar is-Servizzi Funebri ta' din il-muniċipalità. L-emendi li saru kellhom l-effett li jeskludu b'mod espliċitu l-possibbiltà li d-depożitarju ta' urna funebri jirrikorri għas-servizzi ta' impriża privata, iġġestita indipendentement mid-Dipartiment Muniċipali ta' Ċimiterji, għall-finijiet taż-żamma ta' din l-urna barra mill-kuntest domestiku.
- 15 Fil-15 ta' Frar 2016, Memoria u A. Dall'Antonia ppreżentaw quddiem it-Tribunale amministrativo regionale per il Veneto (il-Qorti Amministrattiva Reġjonali tal-Veneto, l-Italja), rikors intiż għall-annullament tal-imsemmija deċiżjoni u, fir-rigward ta' Memoria, għall-kumpens għad-dannu subit minħabba din l-istess deċiżjoni. Insostenn tar-rikors tagħhom, huma jsostnu, essenzjalment, li l-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni ma hijiex konformi mad-dritt tal-Unjoni u, b'mod iktar preċiż, mal-prinċipji ta' libertà ta' stabbiliment u ta' libertà li jiġu pprovduti servizzi.
- 16 F'dan ir-rigward, il-qorti tar-rinvju tindika li għandha dubji rigward l-invokabbiltà ta' dawn il-prinċipji, sa fejn il-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni ma tapplikax għat-territorju nazzjonali kollu, iżda biss għall-muniċipalità ta' Padova. Min-naħa l-oħra, jekk l-imsemmija prinċipji kellhom jitqiesu li huma invokabbli, din l-istess qorti tqis li hemm għaldaqstant raġunijiet sabiex tiġi ddubitata l-konformità tal-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni fir-rigward tagħhom, peress li din il-leġiżlazzjoni ma hija ġġustifikata minn ebda raġuni ta' ordni pubbliku, ta' sigurtà pubblika jew ta' saħħa pubblika.
- 17 F'dawn iċ-ċirkustanzi, it-Tribunale amministrativo regionale per il Veneto (il-Qorti Amministrattiva Reġjonali tal-Veneto) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri u li tagħmel id-domanda preliminari li ġejja lill-Qorti tal-Ġustizzja:

"L-Artikoli 49 u 56 TFUE għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet segwenti tal-Artikolu 52 tar-Regolament dwar is-servizzi funebri tal-Comune di Padova (l-Italja)[, kif emendat bid-Deċiżjoni tal-Muniċipalità ta' Padova Nru 84, tat-30 ta' Novembru 2015, li jipprevedu li]:

'Id-depożitarju tal-urna funebri bl-ebda mod ma jista' jitlob lil terzi jżommuha. Tali projbizzjoni tgħodd ukoll fil-każ ta' rieda espressa manifestata mill-mejjet matul ħajtu' (it-tielet paragrafu).

'L-urna għandha tinżamm esklużivament fl-abitazzjoni tad-depożitarju [...]' (ir-raba' paragrafu).

'[...] Iż-żamma tal-urni funebri fl-ebda każ ma tista' tiġi eżerċitata bi skop ta' lukru u, konsegwentement, ma humiex awtorizzati attivitajiet ekonomiċi li l-għan tagħhom, anki jekk ma jkunx esklużiv, ikun iż-żamma ta' urni funebri bi kwalunkwe titolu u għal kwalunkwe żmien. Tali projbizzjoni tgħodd ukoll fil-każ ta' rieda espressa manifestata mill-mejjet matul ħajtu' (l-għaxar paragrafu)[?]"

- 18 Permezz ta' digriet tal-President tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-31 ta' Lulju 2017, it-talba tal-qorti tar-rinviju intiża sabiex dan ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari jiġi suġġett għall-proċedura mħaffa prevista fl-Artikolu 105 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja ġiet miċħuda.

### **Fuq id-domanda preliminari**

#### ***Fuq il-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja***

- 19 Il-Gvern Taljan isostni li l-Qorti tal-Ġustizzja ma għandhiex ġurisdizzjoni sabiex tagħti risposta għad-domanda magħmula, peress li d-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni li l-interpretazzjoni tagħhom hija mitluba ma japplikawx għall-kawża prinċipali, peress li din tal-aħħar tirrigwarda sitwazzjoni purament interna.
- 20 Skont l-Artikolu 94 tar-Regoli tal-Proċedura, hija l-qorti tar-rinviju li għandha tindika lill-Qorti tal-Ġustizzja kif, minkejja n-natura tagħha purament interna, it-tilwima pendenti quddiemha għandha element ta' rabta mal-Artikoli 49 u 56 TFUE li jirrendi l-interpretazzjoni tagħhom neċessarja għas-soluzzjoni ta' din il-kawża (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-15 ta' Novembru 2016, Ullens de Schooten, C-268/15, EU:C:2016:874, punt 55).
- 21 Fin-nuqqas ta' tali indikazzjonijiet, it-talba għal deċiżjoni preliminari għandha tiġi ddikjarata inammissibbli.
- 22 Għaldaqstant għandha tiġi eżaminata l-oġġezzjoni mqajma mill-Gvern Taljan fil-kuntest tal-verifika tal-ammissibbiltà tat-talba għal deċiżjoni preliminari.

#### ***Fuq l-ammissibbiltà tat-talba għal deċiżjoni preliminari***

- 23 Għandu jitfakkar li tilwima, għalkemm tkun bejn ċittadini tal-istess Stat Membru, għandha titqies bħala li għandha element ta' rabta mal-Artikoli 49 u 56 TFUE li tista' tirrendi l-interpretazzjoni ta' dawn id-dispożizzjonijiet neċessarja għas-soluzzjoni ta' din it-tilwima, meta d-dritt nazżjonali jimponi lill-qorti tar-rinviju tirrikonoxxi lill-imsemmija ċittadini l-istess drittijiet li ċ-ċittadini ta' Stati Membri oħra li jinsabu fl-istess sitwazzjoni jiksbu mid-dritt tal-Unjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-21 ta' Frar 2013, Ordine degli Ingegneri di Verona e Provincia *et*, C-111/12, EU:C:2013:100, punt 35, kif ukoll tal-15 ta' Novembru 2016, Ullens de Schooten, C-268/15, EU:C:2016:874, punt 52)
- 24 F'dan il-każ, it-tilwima fil-kawża prinċipali ċertament tinvolvi, minn naħa, kumpannija rregolata mid-dritt Taljan u ċittadina Taljana u, min-naħa l-oħra, municipalitá li tinsab fit-territorju tal-Italja, iżda l-qorti tar-rinviju tindika li, skont l-Artikolu 53 tal-Liġi Nru 234, tal-24 ta' Diċembru 2012, hija għandha l-obbligu tapplika fir-rigward ta' din il-kumpannija u ta' din iċ-ċittadina l-Artikoli 49 u 56 TFUE.
- 25 F'dawn iċ-ċirkustanzi, għandu jiġi kkonstatat, li l-qorti tar-rinviju wriet kif, minkejja n-natura purament interna tagħha, it-tilwima pendenti quddiemha għandha element ta' rabta mal-Artikoli 49 u 56 TFUE li jirrendi l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni mitluba neċessarja għas-soluzzjoni ta' din it-tilwima u, għaldaqstant, li t-talba għal deċiżjoni preliminari tirriżulta li hija, f'dan ir-rigward, ammissibbli.
- 26 Barra minn hekk, il-municipalitá ta' Padova u l-Gvern Taljan isostnu li t-talba għal deċiżjoni preliminari hija inammissibbli wkoll għal raġunijiet oħra.

- 27 L-ewwel nett, skonthom, din it-talba ma tinkludix l-elementi kollha ta' fatt u ta' liġi neċessarji sabiex jippermettu lill-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi b'mod utli għad-domanda magħmula. B'mod partikolari, il-qorti tar-rinviju ma indikatx l-argumenti tal-muniċipalitá ta' Padova intiżi li jenfasizzaw l-interessi pubbliċi li għall-protezzjoni tagħhom ġew adottati d-dispożizzjonijiet inkwistjoni fil-kawża prinċipali.
- 28 F'dan ir-rigward, għandu jtifakkur li, skont l-Artikolu 94(b) u (c) tar-Regoli tal-Proċedura, kull talba għal deċiżjoni preliminari għandha tindika l-kontenut tad-dispożizzjonijiet nazzjonali li jistgħu japplikaw għall-kawża prinċipali kif ukoll ir-rabta li l-qorti tar-rinviju tistabbilixxi bejn dawn id-dispożizzjonijiet u d-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni li l-interpretazzjoni tagħhom hija mitluba.
- 29 F'dan il-każ, il-qorti tar-rinviju ċċitat id-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament dwar is-Servizzi Funebri tal-muniċipalitá ta' Padova, kif emendat bid-Deċiżjoni tal-muniċipalitá ta' Padova Nru 84, tat-30 ta' Novembru 2015, u ppreċiżat li l-interpretazzjoni tal-Artikoli 49 u 56 TFUE kienet mitluba sa fejn il-legalitá ta' dan ir-regolament kienet ikkontestata minħabba l-allegata inkompatibbiltá tiegħu mal-prinċipji ta' libertá li jiġu pprovduti servizzi u ta' libertá ta' stabbiliment.
- 30 Minn dan isegwi li l-qorti tar-rinviju ssodisfat, suffiċjentement skont il-liġi, l-obbligu tagħha li tindika l-kontenut tad-dispożizzjonijiet nazzjonali li jistgħu japplikaw għat-tilwima fil-kawża prinċipali kif ukoll ir-rabta eżistenti bejn dawn id-dispożizzjonijiet u d-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni li l-interpretazzjoni tagħhom hija mitluba.
- 31 Għaldaqstant, l-eċċezzjoni ta' inammissibbiltá mqajma mill-muniċipalitá ta' Padova u mill-Gvern Taljan għandha tiġi miċħuda.
- 32 Sussegwentement, il-Gvern Taljan jallega li t-talba għal deċiżjoni preliminari hija prematura. Fil-fatt, skont dan il-gvern, qabel ma għamlet id-domanda preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja, il-qorti tar-rinviju kien imissha eżaminat jekk il-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni fil-kawża prinċipali tipprojbiġix jew tawtorizzax l-eżerċizzju ta' attivitá ekonomika li għandha bħala għan iż-żamma u l-konservazzjoni ta' urni funebri u, f'din l-okkażjoni, kien imissha identifikat l-għanijiet li din il-leġiżlazzjoni trid tilħaq.
- 33 F'dan ir-rigward, għandu jtifakkur li l-qorti nazzjonali għandhom diskrezzjoni mill-iktar wiesgħa sabiex jirreferu kawża lill-Qorti tal-Ġustizzja jekk huma jikkunsidraw li kawża pendenti quddiemhom tqajjem kwistjonijiet ta' interpretazzjoni jew ta' evalwazzjoni tal-validitá tad-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni neċessarji għar-risoluzzjoni tat-tilwima mressqa quddiemhom u li, b'mod partikolari, huma liberi li jeżerċitaw din id-diskrezzjoni f'kull stadju tal-proċedura li huma jqisu xieraq (sentenza tal-5 ta' Lulju 2016, Ognyanov, C-614/14, EU:C:2016:514, punt 17 u l-ġurisprudenza ċċitata).
- 34 Konsegwentement, talba għal deċiżjoni preliminari ma tistax tiġi ddikjarata inammissibbli għar-raġuni biss li din saret fi stadju bikri tal-proċedura fil-kawża prinċipali.
- 35 Għaldaqstant, l-eċċezzjoni ta' inammissibbiltá mqajma mill-Gvern Taljan għandha tiġi miċħuda.
- 36 Fl-aħħar nett, il-muniċipalitá ta' Padova tqis li, peress li l-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni fil-kawża prinċipali tirrigwarda l-istatus tad-drittijiet l-iktar personali tal-individwu, il-prinċipji ta' ċertezza legali u ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi jipprekludu, fi kwalunkwe każ, li din il-leġiżlazzjoni tista' tiġi kkontestata.
- 37 Madankollu, anki jekk ma huwiex neċessarjament eskluż li l-prinċipji ta' ċertezza legali u ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi jistgħu jkunu rilevanti, l-interazzjoni eventwali tagħhom mal-libertajiet ta' moviment tikkostitwixxi kwistjoni ta' mertu. Għaldaqstant, peress li s-sempliċi invokazzjoni tagħhom ma hijiex biżżejjed sabiex jiġi stabbilit li talba għal deċiżjoni preliminari hija nieqsa minn kull effettività, ir-risposta għaliha tibqa neċessarja sabiex il-qorti tar-rinviju tkun tista' tagħti d-deċiżjoni tagħha. Għalhekk, tali talba għal deċiżjoni preliminari ma hijiex inammissibbli.

- 38 Konsegwentement, hemm lok li l-eċċezzjoni ta' inammissibbiltà mqajma mill-muniċipalità ta' Padova tiġi miċħuda.
- 39 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li t-talba għal deċiżjoni preliminari hija ammissibbli.

### *Fuq il-mertu*

#### *Osservazzjonijiet preliminari*

- 40 L-ewwel nett, matul is-seduta, il-Kummissjoni Ewropea sostniet li ma kienx hemm lok li tiġi eżaminata l-leġislazzjoni nazzjonali inkwistjoni fil-kawża prinċipali fid-dawl tad-dispożizzjonijiet tat-Trattat FUE dwar il-libertajiet fundamentali, peress li hija d-Direttiva 2006/123 li tapplika fil-kawża prinċipali.
- 41 Madankollu, għandu jiġi rrilevat li leġislazzjoni nazzjonali, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li tipprojbixxi lill-impriżi privati milli jipprovdu servizz ta' żamma ta' urni funebri, għandha bħala effett, hekk kif jirriżulta minn dak indikat fid-deċiżjoni tar-rinviju, li tagħti lis-servizzi muniċipali monopolju fuq il-provvista tas-servizz ta' żamma ta' dawn l-urni. Issa, mill-Artikolu 1(3) tad-Direttiva 2006/123, moqri fid-dawl tal-premessa 8 ta' din id-direttiva, jirriżulta li din tal-aħħar ma tirrigwardax it-tneħħija tal-monopolji li jipprovdu servizzi.
- 42 Konsegwentement, tali leġislazzjoni ma taqax taħt il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2006/123 u għalhekk għandha tiġi eżaminata biss fid-dawl tad-dispożizzjonijiet tat-Trattat.
- 43 It-tieni nett, il-qorti tar-rinviju rreferiet, fid-domanda tagħha, kemm għall-Artikolu 49 TFUE kif ukoll għall-Artikolu 56 TFUE.
- 44 Madankollu, f'dan ir-rigward, għandu jiġi kkonstatat li l-ewwel waħda biss minn dawn iż-żewġ dispożizzjonijiet hija applikabbli fil-kawża prinċipali. Fil-fatt, meta operatur ikollu l-intenzjoni jeżerċita, b'mod effettiv, l-attività ekonomika tiegħu permezz ta' organizzazzjoni stabbli u għal żmien indeterminat, is-sitwazzjoni tiegħu għandha tiġi eżaminata fid-dawl tal-libertà ta' stabbiliment, kif iddefinita fl-Artikolu 49 TFUE (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tad-29 ta' Settembru 2011, Il-Kummissjoni vs L-Awstrija, C-387/10, mhux ippubblikata, EU:C:2011:625, punt 22, u tat-23 ta' Frar 2016, Il-Kummissjoni vs L-Ungerija, C-179/14, EU:C:2016:108, punti 148 sa 150).
- 45 Issa, jirriżulta li, fil-kawża prinċipali, Memoria tixtieq tipprovdi fit-territorju tal-muniċipalità ta' Padova servizz ta' żamma ta' urni funebri permezz ta' organizzazzjoni stabbli u għal żmien indefinit. Minn dan jirriżulta li d-domanda preliminari għandha tiġi meqjusa bħala li tirrigwarda biss l-interpretazzjoni tal-Artikolu 49 TFUE.
- 46 Fid-dawl ta' dak li ntqal iktar 'il fuq, id-domanda magħmula għandha tinftiehem fis-sens li l-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 49 TFUE għandux jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi leġislazzjoni nazzjonali, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li tipprojbixxi, anki minkejja r-rieda espliċita tal-mejjet, lid-depożitarju ta' urna funebri milli jafda l-kustodja tagħha lil terz, li tobbligah iżommha f'daru, bl-eċċezzjoni li jagħtiha lil ċimiterju muniċipali, u, barra minn hekk, li tipprojbixxi kull attività eżerċitata bi skop ta' lukru li għandha bħala għan, anki jekk mhux esklużiv, iż-żamma ta' urni funebri, fuq kwalunkwe bażi u għal kwalunkwe żmien.



*Fuq id-domanda*

- 47 Qabel kolloxx, għandu jifakkar li l-Artikolu 49 TFUE jipprekludi kwalunkwe miżura nazzjonali li tikkostitwixxi restrizzjoni għal-libertà ta' stabbiliment, ħliet jekk tali restrizzjoni tista' tiġi ġġustifikata minn kunsiderazzjonijiet imperattivi ta' interess ġenerali (ara, f'dan is-sens, b'mod partikolari, is-sentenza tal-5 ta' Diċembru 2013, Venturini *et*, C-159/12 sa C-161/12, EU:C:2013:791, punti 30 u 37).
- 48 Fl-ewwel lok, skont ġurisprudenza stabbilita, għandha titqies li tikkostitwixxi restrizzjoni fis-sens tal-Artikolu 49 TFUE kull miżura nazzjonali li, anki jekk tapplika mingħajr diskriminazzjoni bbażata fuq in-nazzjonalità, tipprojbixxi, tostakola jew tagħmel inqas attraenti l-eżerċizzju, miċ-ċittadini tal-Unjoni, tal-libertà ta' stabbiliment iggarantita mit-Trattat (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-28 ta' Jannar 2016, Laezza, C-375/14, EU:C:2016:60, punt 21).
- 49 F'dan il-każ, fid-dawl tal-indikazzjonijiet mogħtija mill-qorti tar-rinviju, għandu jiġi kkonstatat li leġiżlazzjoni nazzjonali, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li tipprojbixxi liċ-ċittadini tal-Unjoni milli jipprovdu servizz ta' żamma ta' urni funebri fl-Istat Membru kkonċernat timpedixxi lil dawn iċ-ċittadini milli jistabbilixxu ruħhom fih sabiex jeżerċitaw tali servizz ta' żamma u li, għaldaqstant, din tista' tostakola l-eżerċizzju minn dawn iċ-ċittadini tal-libertà ta' stabbiliment iggarantita mit-Trattat.
- 50 Konsegwentement, tali leġiżlazzjoni tistabbilixxi restrizzjoni għal-libertà ta' stabbiliment, fis-sens tal-Artikolu 49 TFUE.
- 51 Fit-tieni lok, skont ġurisprudenza stabbilita, restrizzjoni għal-libertà ta' stabbiliment tista' tkun iġġustifikata, bil-kundizzjoni li din tapplika mingħajr diskriminazzjoni bbażata fuq in-nazzjonalità, għal raġunijiet imperattivi ta' interess ġenerali, sakemm din tkun adatta sabiex tiggarrantixxi t-twerttiq tal-għan imfittex u ma tmurx lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex dan jintlaħaq (ara f'dan is-sens, b'mod partikolari, is-sentenza tad-9 ta' Marzu 2017, Piringer, C-342/15, EU:C:2017:196, punt 53 u l-ġurisprudenza ċċitata).
- 52 B'mod iktar partikolari, għandu jifakkar ukoll li leġiżlazzjoni nazzjonali tkun adatta sabiex tiggarrantixxi t-twerttiq tal-għan invokat biss jekk tkun fil-verità tissodisfa x-xewqa li dan jintlaħaq b'mod koerenti u sistematiku (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-10 ta' Marzu 2009, Hartlauer, C-169/07, EU:C:2009:141, punt 55, u tat-23 ta' Diċembru 2015, Hiebler, C-293/14, EU:C:2015:843, punt 65).
- 53 F'dan il-każ, il-muniċipalitá ta' Padova u l-Gvern Taljan isostnu li l-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li fir-rigward tagħha huwa paċifiku li din tapplika mingħajr diskriminazzjoni bbażata fuq in-nazzjonalità, hija ġġustifikata minn raġunijiet imperattivi ta' interess ġenerali marbuta mal-protezzjoni tas-saħħa pubblika, mal-ħtieġa li jiġi żgurat ir-rispett dovut għall-memorja tal-mejtin kif ukoll mal-protezzjoni tal-valuri morali u reliġjużi prevalenti fl-Italja, fejn dawn tal-aħħar jipprekludu l-eżistenza ta' attivitajiet kummerċjali u soċjali relatati maż-żamma tal-irmied tal-mejtin u għalhekk jipprekludu li l-attivitajiet ta' żamma tal-fdalijiet mortali jkollhom għan lukrattiv.
- 54 F'dan ir-rigward, fir-rigward, l-ewwel nett, tal-ġustifikazzjoni bbażata fuq il-protezzjoni tas-saħħa pubblika, minn ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta ċertament li l-protezzjoni tas-saħħa pubblika tinsab fost ir-raġunijiet imperattivi ta' interess ġenerali rrikonoxxuti mid-dritt tal-Unjoni u li l-Istati Membri għandhom f'dan il-qasam marġni ta' diskrezzjoni wiesgħa (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-1 ta' Ġunju 2010, Blanco Pérez u Chao Gómez, C-570/07 u C-571/07, EU:C:2010:300, punti 44, 68 u 106).
- 55 Madankollu, tali għan ma jistax jiġġustifika r-restrizzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali sa fejn l-irmied funebri, bid-differenza tal-fdalijiet mortali, huwa materja inerta minn perspettiva bijoloġika, inkwantu jiġi sterilizzat bis-sħana, b'tali mod li ż-żamma tiegħu ma tistax tirrappreżenta restrizzjoni imposta minn kunsiderazzjonijiet ta' saħħa pubblika.

- 56 Għaldaqstant, l-għan ta' protezzjoni tas-saħħa pubblika invokat mill-muniċipalit ta' Padova u mill-Gvern Taljan ma jistax jiġġustifika r-restrizzjonijiet għal-libert ta' stabbiliment imposti mil-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni fil-kawża prinċipali.
- 57 Għal dak li jirrigwarda, fit-tieni lok, l-għan ta' protezzjoni tar-rispett dovut għall-memorja tal-mejtin, dan ukoll jista' jikkostitwixxi raġuni imperattiva ta' interess ġenerali.
- 58 Barra minn hekk, ertament, jista' jitqies li leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprojbixxi lill-impriżi privati milli jeżerċitaw attivit ta' żamma ta' urni funebri hija adatta sabiex tiggarrantixxi t-twerttiq ta' dan l-għan. Fil-fatt, minn naħa, tali projbizzjoni tista' tiggarrantixxi li ż-żamma ta' dawn l-urni tkun fdata lil strutturi suġġetti għal obbligi u għal verifiki speċifiċi intiżi sabiex jiġi żgurat ir-rispett dovut għall-memorja tal-mejtin. Min-naħa l-oħra, din hija adatta sabiex tiggarrantixxi li, fil-każ ta' waqfien, mill-impriżi kkonċernati, tal-attivitajiet tagħhom ta' żamma tal-urni funebri, l-urni inkwistjoni ma jiġux abbandunati jew il-kontenut tagħhom ma jiġix imxerred b'mod u fpostijiet inadatti.
- 59 Madankollu, għandu jiġi kkonstatat li jeżistu miżuri inqas restrittivi li jippermettu li jintlaħaq dan il-għan, bħal, b'mod partikolari, l-obbligu li tiġi żgurata ż-żamma tal-urni funebri f'kundizzjonijiet simili għal dawk taċ-ċimiterji muniċipali u, fil-każ ta' waqfien tal-attivit, li dawn l-urni jiġu ttrasferiti f'ċimiterju pubbliku jew li dawn jingħataw lura lill-qraba tal-mejjet.
- 60 Konsegwentement, il-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni fil-kawża prinċipali tmur lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex jintlaħaq l-għan ta' protezzjoni tar-rispett dovut għall-memorja tal-mejtin.
- 61 F'dawn iċ-ċirkustanzi, ir-restrizzjonijiet għal-libert ta' stabbiliment introdotti mill-imsemmija leġiżlazzjoni ma jistgħux jiġu ġġustifikati fid-dawl tal-protezzjoni tar-rispett dovut għall-memorja tal-mejtin.
- 62 Fir-rigward, it-tielet nett, tal-valuri morali u reliġjużi prevalenti fl-Istat Membru kkonċernat, il-Gvern Taljan isostni li dawn jipprekludu li l-attivitajiet ta' żamma ta' fdalijiet mortali jistgħu jkollhom skop lukrattiv.
- 63 Madankollu, mingħajr ma hemm il-ħtieġa li tingħata deċiżjoni fuq il-valur ta' tali għan, għandu jiġi rrilevat li mill-kliem stess tal-Artikolu 5(2) tal-Liġi Nru 130, tat-30 ta' Marzu 2001, jirriżulta li l-attivit ta' żamma tal-irmied tal-mejtin hija suġġetta, f'dan l-Istat Membru, għall-ħlas ta' tariffa stabbilita mill-Ministeru għall-Intern, wara konsultazzjoni mal-Ministeru għas-Saħħa u ma' erti assoċjazzjonijiet.
- 64 Issa, il-ftuħ tal-attivitajiet ta' żamma ta' fdalijiet mortali għall-operaturi privati seta' jkun suġġett għal dan l-istess qafas tariffarju li, fih innifsu, ma huwiex evidentement meqjus, mill-Istat Membru kkonċernat, bħala kuntrarju għall-valuri morali u reliġjużi tiegħu.
- 65 Għalhekk, fin-nuqqas ta' dan, il-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni fil-kawża prinċipali tmur lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex jintlaħaq l-għan invokat, u, konsegwentement, din ma tistax, fi kwalunkwe każ, tkun iġġustifikata fid-dawl tiegħu.
- 66 Minn dan li ntqal jirriżulta li r-risposta għad-domanda magħmula għandha tkun li l-Artikolu 49 TFUE għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li tipprojbixxi, anki minkejja r-rieda espliċita tal-mejjet, lid-depożitarju ta' urna funebri milli jafda l-kustodja tagħha lil terz, li tobbligah iżommha f'daru, bl-eċċezzjoni li jagħtiha lil imiterju muniċipali, u, barra minn hekk, li tipprojbixxi kull attivit eżerċitata bi skop ta' lukru li għandha bħala għan, anki jekk mhux esklużiv, iż-żamma ta' urni funebri, fuq kwalunkwe bażi u għal kwalunkwe żmien.

## Fuq l-ispejjeż

- 67 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) taqta' u tiddeċiedi:

**L-Artikolu 49 TFUE għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi leġislazzjoni nazzjonali, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li tipprojbixxi, anki minkejja r-rieda espliċita tal-mejjet, lid-depożitarju ta' urna funebri milli jafda l-kustodja tagħha lil terz, li tobbligah iżommha f'daru, bl-eċċezzjoni li jagħtiha lil ċimiterju municijali, u, barra minn hekk, li tipprojbixxi kull attività eżerċitata bi skop ta' lukru li għandha bħala għan, anki jekk mhux esklużiv, iż-żamma ta' urni funebri, fuq kwalunkwe bażi u għal kwalunkwe żmien.**

Firem